**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 11 ta' Frar, 2016

Rikors Nru : 59/14 AL

**A B**
**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tieghu ippremettiet :

1. Illi l-kontendenti zzewwgu fl-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003), u dan skont ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieġ li qed jiġi anness u markat bħala Dokument 'A'.
2. Illi minn dan iż-żwieġ il-kontendenti kellhom zewgt ulied li jisimhom S B li twieldet fit-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u hamsa (2005) u K B li twieled fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008), u b'hekk it-tnejn minorenni, certifikati tat-twelid annessi u markati Dokument 'B' u 'C'.
3. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba li l-intimat irrenda ruhu hati lejn martu r-

rikorrenti ta' adulterju, theddid, sevizji, eccessi u ingurji gravi, kif ukoll minhabba inkompatibilita` ta' karattru.

4. Illi ma hemmx lok ghal rikonciljazzjoni u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.
5. Illi l-esponenti talbet u ottjeniet l-awtorizazzjoni mehtiega sabiex tipprocedi f'dina l-istanza kontra zewgha ghas-separazzjoni personali, skont ma jirrizulta mid-Dokument 'D' li qed jigi anness.

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

i. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghall-finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta tistabilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda.
ii. Tawtorizza lill-attrici tghix separata mill-konvenut zewgha.
iii. Tafda lir-rikorrenti bil-kura u l-kustodja tal-minuri S u K ahwa B, salv l-access tal-konvenut ghall-istess ulied minuri jekk ikun il-kaz.
iv. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti ghaliha u ghall-ulied minuri S u K ahwa B dik ir-retta alimentarja dovuta skont il-ligi, b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja, u ordni ghall-hlas dirett mill-paga tal-intimat, li ghandhom jigu ffissati minn din il- Qorti.
v. Tapplika *in toto* jew *in parte* kontra l-intimat l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
vi. Tordna lill-intimat jirrestitwixxi lill-esponenti il-beni u krediti parafernali u dotali taghha.
vii. Tillikwida l-krediti parafernali ossija pekularji tal-attrici u tikkwalifika l-istess bhala krediti tal-istess attrici kontra l-komunjoni tal-akkwisti tal-kontendenti.
viii. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u, billi wkoll tigi stabbilita data li minn dakinhar l-intimat jitqies li ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tal-esponenti, u dana kollu okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi, u billi jigi nominat Nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-intimat fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

ix. Tordna li d-dar taz-zwieg tigi okkupata mill-attrici flimkien maz-zewg ulied minuri S u K ahwa B.
x. Tiddividi l-gid iehor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.
xi. Tawtorizza lill-attrici li tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li qieghed jigi minn issa nġunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici ;

Rat illi l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u b'hekk huwa kontumaci f'din il-kawza ;

Semghet lix-xhieda illi tressqu ;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment ;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici ;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet bl-applikazzjoni ta' l-Artikoli 48 et seq, ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet, talba specifika ghall-kura u kustodja tal-minuri S u K, talba specifika ghall-manteniment, kemm ghall-istess attrici kif ukoll ghall-minuri, u talba specifika biex il-konvenut jirritorna lura l-beni kollha parafernali tal-attrici.

Il-Qorti tirrileva li minkejja li l-intimat gie debitament notifikat fit-30 ta' Mejju 2014[1], baqa' ma ntavolax ir-risposta guramentata tieghu u konsegwentement huwa meqjus bhala kontumaci f'dawn il-proceduri.

---

1 Ara r-riferta a fol 19 tal-process

## Verzjoni Attrici

L-attrici tghid permezz t'affidavit[2] li hija ltaqghet ma zewgha l-konvenut fuq il-post tax-xoghol fis-sena 1996 u hi kellha madwar tmintax (18)-il sena. Hi bdiet tinnota mall-ewwel li l-konvenut kellu l-vizzju tax-xorb u dan ghaliex qabel ma kienet tohrog mieghu, kien joqghod jiltaqa' ma' shabu fil-postijiet tax-xorb, izda hija, peress li kienet ghadha zghirha, kienet tittama li zewgha ha jinbidel. Wara sentejn u nofs li kienu ilhom flimkien, il-konvenut waqaf mix-xoghol u beda jahdem bhala *self-employed* bhala mastrudaxxa minn garaxx li kellu missier l-attrici. Izda wara ftit zmien, missier l-attrici kellu bzonn dan il-garaxx biex iwaqqghu u jibnih appartamenti, allura l-konvenut kellu bzonn isib post iehor minn fejn jahdem.

Hi zzid li wara erba' snin li l-partijiet kien ilhom jiffrekwentaw lil xulxin, u l-konvenut waqa' fil-vizzju tad-droga u mid-dar tal-konvenut bdew jinsterqu affarijiet li wasslu lil konvenut f'punt li ried jitlaq mid-dar. Il-partijiet raw li l-ahjar soluzzjoni kienet li fi zmien sena jmorru jghixu f'appartament tal-genituri ta' l-attrici f'Marsaskala, u dan wara li jizzewgu. F'din is-sena l-konvenut wegga' fuq ix-xoghol u ghamel perjodu ma jahdimx u jghix fuq is-servizzi socjali, filwaqt li l-attrici kienet tohrog tahdem ta' kuljum. Minkejja dan, il-preparamenti taz-zwieg baqghu ghaddejin u huma zzewgu fl-14 ta' Frar tas-sena 2003 u sas-sena 2005 baqghu jghixu fl-appartament tal-genturi ta' l-attrici f'Marsaskala. L-appartament li marru jghixu fih il-partijiet huwa propjeta' li nghatat b'donazzjoni lill-attrici fis-17 ta' Frar tas-sena 2003 minn missierha. L-attrici tghid li l-flus li kellha imfaddlin qabel iz-zwieg nefqithom fid-dar bhala benefikati u li l-konvenut dejjem nefaq il-flus ghall-garaxx u mhux ghad-dar. Fil-fatt hi kienet tistaqsi lill-konvenut kif qieghed imur dwar flus f'xogholu izda hu kien jghidilha li hi ma kellhiex id-dritt li tkun taf. Fis-sena 2004, il-konvenut rega' ghadda minn incident iehor fuq ix-xoghol meta waqa' s-saqaf tal-garaxx fejn kien qieghed jahdem, bil-konsegwenza li tkissru l-magni u x-xoghol li kien lesta ghall-klijenti tieghu. Ghalhekk l-attrici tghid li missierha taha s-somma ta' hamest elef lira (Lm5,000) li minnhom xtraw il-magni biex il-konvenut ikun jista' jkompli b'xogholu. Fl-istess zmien, hadu

[2] Ezebit a fol 27 tal-process

zewg loans ta' Lm5000 u Lm1000 rispettivament biex jixtru l-ghamara tad-dar matrimonjali u hi nqabdet tqila bl-ewwel tarbija S u ftit qabel it-twelid taghha, l-partijiet marru jghixu fid-dar matrimonjali. L-attrici waqfet tahdem ghal tmien xhur u kif irritornat ix-xoghol, qalulha li issa trid tibda tahdem bis-sistema tax-xift, izda l-konvenut ma riedx u ikkonvinca lill-attrici tittermina xogholha ghaliex skont hu, bil-paga tieghu kienu se jghaddu. Ghalkemm l-attrici ma xtaqitx, peress li bil-flus li kienet taqla' hi kienet thallas il-loan, hija iddecidiet li tieqaf mix-xoghol biex issalva z-zwieg. Il-konvenut rega' waqa fil-vizzju tax-xorb u kien beda jsir agressiv lejn l-ahhar tas-sena 2006. F'dan iz-zmien, il-ftehim li kellu l-konvenut ma' sid il-garaxx rigward il-kera' li kellu ghal zmien ghaxar snin bla hlas spicca, u dan peress li sid il-garaxx biegh il-garaxx b'dan li l-konvenut kellu jfittex garaxx iehor fejn imur jahdem, izda kellu ftehim ma' sid il-garaxx li jithallas somma talli kien jonqos xi zmien mill-ghaxar snin li matulhom l-konvenut dritt li jahdem fil-garaxx, izda l-attrici tghid li l-konvenut gab biss l-ewwel elf lira Maltin (Lm1000), u jekk kien hemm xi flus ohra mghoddija bejn sid il-garaxx u l-konvenut hi ma tafx. Iz-zmien beda ghaddej u  l-konvenut qatt ma solva  il-problema ta' flus u xorb li kellu, tant li fis-sena 2006 iddecieda li jieqaf mis-sengha ta' mastrudaxxa u mar jahdem ma' habib tieghu u ghal dan ix-xoghol kellu jixtri *crane*. Ta' dan il-*crane* il-partijiet kellhom jiehdu loan ta' Lm10,000 u b'kollox Lm13,000 minhabba li l-partijiet kien ghad baqghalhom ihallsu Lm3000 mill-loan precedenti li kienet ghadha ma gietx imhallsa, u din il-loan iggib id-data tas-26 t'Ottubru 2007. Kif il-konvenut beda dan ix-xoghol il-gdid il-problema tax-xorb zdiedet, peress li l-habib ma' min kien jahdem il-konvenut ukoll kien ihobb jixrob. Il-konvenut beda jirritorna d-dar fis-sakra u darba l-*grocer* irrimarka ma' l-attrici dwar kemm kien qed jixtri inbid il-konvenut, u ghalhekk l-attrici talbet spjegazzjoni dwar dan u l-konvenut, flok taha spjegazzjoni, nizel ihebb ghall-*grocer*. L-attrici marret fl-appartament ta' huha, li kien ghadu gebel u saqaf u hemmhekk sabet kwantita' ta' flixken ta' l-inbid vojta. Fis-sena 2007 il-konvenut halla lill-attrici wahedha ghal xi gimghat mat-tifla u iddecieda li jittermina ix-xoghol li kien beda mal-habib tieghu u jerga' jkompli s-sengha ta' mastrudaxxa *full-time*. Sadanittant, minn wara dar l-attrici, l-*crane* li bih kien qed jahdem il-konvenut,  bieghu ghall-prezz ta' hamest elef lira (Lm5000)

u hi tghid li gab biss elfejn lira minnhom (Lm2000) u l-bqija tal-flus ma tafx x'ghamel bihom. Sadanittant il-glied kien baqa` ghaddej kuljum, imma l-attrici dejjem kienet tipprova ssalva r-relazzjoni ta' bejniethom, u skont hi dan il-glied kien ikun ghaliex l-konvenut ma kienx ikun irid jghid lill-attrici x'inhu jdahhal minn xogholu. Il-konvenut kien ibiddel il-karozza tieghu b'mod regolari u l-problema tal-flus u xorb tant iggravat li l-attrici bdiet issir vittma tas-swat u gieli nizlet ohtha ttiha l-ghajnuna mill-appartament ta' fuqha. It-tieni tarbija tal-partijiet K twieled fit-23 ta' Settembru 2008 u l-konvenut telaq mid-dar il-lejl ta' qabel il-gurnata tat-twelid tat-tieni tarbija. L-attrici tghid li bdiet thossha wahedha trabbi l-familja u hasset li l-konvenut ma kienx jimpurtah mill-familja tieghu. Hija regghet irritornat ghax-xoghol wara sena mit-twelid tat-tifel u dan peress li ma kelliex alternattiva biex tkun tista` tghajjex lill-familja taghha, peress li l-konvenut tant beda jiggrava fl-agir tieghu li sahansitra kien hemm episodju fejn qabadha minn ghonqha u heddidha. Lit-tifla tal-partijiet kienu anke baghtu ghaliha l-Agenzija Appogg u dan minhabba li t-tifla kienet fethet qalbha dwar l-agir ta' missierha l-iskola. F'Mejju tas-sena 2011, il-konvenut iddecieda li jitlaq jghix fil-garaxx li kien jikri u kien jmur lura d-dar biex jinhasel biss u dan sakemm kera *flat*, izda rega' irritorna d-dar u l-attrici, biex tara l-familja taghha maghquda, accettat lill-konvenut lura. Madanakollu l-partijiet kienu mistednin tieg u l-konvenut siker sakra u il-partijiet marru lura d-dar jargumentaw, il-konvenut ippakkja hwejgu u telaq il-barra. Din id-darba l-attrici ghamlitha cara li mhux se taccetta lill-konvenut lura fid-dar. Dan kien f'Ottubru 2011 u sa Jannar 2012 il-konvenut kien jmur lura fid-dar matrimonjali jara lil uliedu u jhalli xi haga tal-flus lill-attrici, izda, wara Jannar 2012 ma halliex izjed flus ghal ulied il-partijiet u dan peress li skond l-attrici, l-konvenut qalilha li kellu l-ispejjez. Sadanittant it-theddid ma waqafx. L-attrici tghid li bdiet it-triq ghas-separazzjoni izda l-konvenut ma riedx jiftiehem u darba sfat imsawwta quddiem il-membri tal-familja tieghu u quddiem it-tfal tal-partijiet. Illi llum il-gurnata tiehu t-tifla ghand psikologa. L-attrici tghid li maz-zmien kienet qed tinduna li zewgha kien qed jaghmel id-dejn, fosthom mal-fornituri ta' l-injam u minkejja li hemm ordni tal-Qorti biex il-konvenut ihallas is-somma ta' €400 fix-xahar bhala manteniment ghal ulied il-partijiet, dan il-manteniment qatt ma thallas.

L-attrici tixhed ukoll *viva voce*[3] u ttenni li manteniment mhux qeghda tithallas ghajr meta taghmel rapport u jittiehdu passi kontra l-konvenut kriminalment, apparti minn hekk, il-minuri tifla S qeghda tara psikjatra u *psychotherapist* spiss, kull meta tmur mal-konvenut, u dan peress li qed tigi affettwata hazin u zzid tghid li qed ikollha problemi biex il-konvenut jiffirma ghall-affarijiet tat-tfal. Hi tghid li ghad baqa' tlettax-il elf Ewro (€13,000) x'jithallsu fuq il-*loan* li hadu l-partijiet biex jinxtara krejn li biegh l-konvenut , u l-loan qieghed jithallas mic-cekk tas-sigurta' socjali tal-konvenut u l-bqija thallsu hi. L-attrici terga' ssemmi wkoll li kien hemm hamest elef lira Maltin (Lm5000) li kien tahomlha missierha biex jirrangaw l-affarijiet meta kien waqa' s-saqaf tal-garaxx fejn kien jahdem il-konvenut.

## Verzjoni Konvenut

Illi kif il-Qorti diga' irrilevat, l-intimat huwa kontumaci f'dawn il-proceduri, izda permezz tax-xiehda tieghu, huwa jaghti ftit informazzjoni dwar il-kaz odjern. Fil-fatt hu jghid biss fix-xiehda tieghu datata 2 ta Gunju 2015[4] li fil-fatt huwa veru li kien xtara *crane* biex jahdem fil-kostruzzjoni u dan ghall-ammont ta' ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000) madwar tmien snin ilu u li kien bieghu ghal prezz ta' xi sittax-il elf ewro (€16,000) u kien ta xi haga tal-flus minnhom lill-konvenuta. Hu kien ukoll biegh il-makkinarju ta' mastrudaxxa ghall-prezz ta' sitt elef Ewro (€6000) xi sena ilu u bhalissa jinsab jirregistra u bla xoghol ghaliex kien qieghed jaghmel iktar telf milli qliegh. Huwa jghid li kellu ma' l-ghaxar vetturi kemm dam mizzeweg ghaliex kien jithallas bihom ghax-xoghol li kien jaghmel u bil-flus li kien jaghmel bil-bejgh tal-vetturi, kien ihallas l-injam. Hu jghid li kif jidhol id-dar mix-xoghol, l-attrici flok tikkumpatih, kienet tghajru izda jammetti li gieli xorob, pero' fuq domanda tal-Qorti, wiegeb li ma jafx ghalfejn kienet tghajru l-attrici[5]. Izda fl-istess waqt il-konvenut jghid li l-attrici kienet tipprova tghinu imma ma kienitx taf kif tghinu, u li hu mhux qed igerger li ma riditlux gid. Hu jghid ukoll li jara lil uliedu fil-

[3] Ara fol 246 tal-process xhieda datata 7 ta' Mejju 2015

[4] Ara fol 259 tal-process

[5] Ara fol 263 tal-process fuq domanda tal-Qorti, *"U kienet taqbad tghajrek ghalfejn? Ghax ma kotnx qed taghmel flus?"* il-konvenut jirrispondi hekk, *"Jista' jkun ghalhekk, jien naf"*

*weekend* u jikkonferma li erba' snin ilu telaq mid-dar matrimonjali u qed jghix ma' ommu.

Illi l-Qorti tirrileva li hija sprovvista mill-verzjoni ta' l-intimat ghal dak li jirrigwarda l-htija ghas-separazzjoni, l-motivazzjonijiet u x'wassal lill-partijiet sabiex jintavolaw il-proceduri odjerni. Lanqas ma ghandha xi informazzjoni dwar x'jixtieq l-istess intimat ghal dak li jikkoncerna t-tfal minuri il-propjeta' formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti.

**<u>Il-Provi migjuba quddiem din il-Qorti</u>**

Il-Qorti hawnhekk qeghda taghmel referenza ghall-provi kollha migbura quddiemha. L-attrici, flimkien mar-rikors guramentat taghha, ipprezentat certifikat taz-zwieg tal-partijiet[6] kif ukoll certifikat tat-twelid tal-minuri S B li llum ghandha ghaxar snin u ta' K B li llum ghandu seba' snin[7]. Flimkien ma' l-affidavit ta' l-attrici, gew ipprezentati kopja awtentikata tal-kuntratt tad-donazzjoni tal-propjeta' Fredmar Court, Flat 2, Triq il-Velleran, Fgura, datat 17 ta' Frar 2003[8], li sar tlett ijiem wara z-zwieg ta' l-attrici. Gew ipprezentati wkoll kopja ta' ricevuta fl-ammont ta' Lm4900 minghand V Demajo Brothers li tidher li hi ricevuta dwar xi xiri ta' makkinarju u hi datata 19 ta' Novembru 2004[9], kopja awtentikata ta' kuntratt ta' self bejn il-partijiet mal-Bank HSBC datat 26 ta' Ottubru 2007[10], kopja ta' rapport datatat 27 ta' April 2012 intavolat mill-attrici, fejn hemm indikat li l-attrici irceviet theddida minghand il-konvenut[11], kopja ta' rapport iehor datat 4 ta' Settembru 2013 intavolat mill-attrici fejn hemm indikat li l-attrici sfat vittma ta' swat minn omm il-konvenut meta marret biex tigbor lit-tfal mir-residenza taghhom peress li kienu mal-konvenut u sfat vittma wkoll ta' tghajjir mill-konvenut waqt li huwa pprova jhebb ghaliha[12], kopja

[6] Ara fol 5 tal-process
[7] Ara fol 6 u fol 7 rispettivament
[8] Ara fol 34 sa 46 tal-process
[9] Ara fol 47 u 48 tal-process
[10] Ara fol 50 sa 55 tal-process
[11] Ara fol 56 sa 58 tal-process
[12] Ara fol 59 sa 60 tal-process

ta' kont ta' injam mahrug minn M. Demajo (Timbers) Ltd mibghut lil C B fl-ammont ta' €9073.70[13].

Tixhed Audrey Ghigo[14] fit-3 ta' Frar 2015 u tispjega u tipprezenta diversi dokumenti relatati mal-finanzi tal-konvenut. Illi l-konvenut kellu *savings account* bin-numru 012026837050[15] li nfetah fit-12 t'Ottubru 1996 u nghalaq fl-14 ta' Lulju 2012, hemm *current account* bin-numru 05465220001[16] li nfetah fil-15 ta' Marzu 2010, *Loan account* bun-numru 012026837300[17] li nfetah fis-16 ta' Jannar 2001 u nghalaq fl-24 ta' Novembru 2004, *loan account* bin-numru 012026837301[18] liema kont infetah fis-17 ta' Marzu 2001 u nghalaq fid-29 ta' Lulju 2003, *visa classic account* 456882501033500[19] li nfetah fid-19 ta' Novembru 1997 u nghalaq fis-7 ta' Mejju 2008, hemm kont *joint* bejn il-partijiet 012054946001[20] liema kont infetah fis-7 ta' Dicembru 2001 (li l-Qorti tinnota li l-*loan account* numru 18038971 qieghed jithallas mill-konvenut) u *loan account* 006037048300[21] li nfetah fit-23 ta' Novembru u nghalaq fis-27 ta' Ottubru 2007 u *loan account* 18038971[22] li ghadu miftuh sal-lum. Hi tghid li ghad baqa' bilanc ta' zewg *loan accounts* fl-ammonti ta' €403.75 u €13,166.

Tixhed ukoll Karen Cremona fit-3 ta' Frar 2015[23] mit-Transport Malta u tghid li l-konvenut kellu vetturi registrati f'ismu u li issa m'ghadhomx u dawn il-vetturi huma DAV 562 li hija Ford Fiesta kif ukoll CAE 038 li hija Ford Transit, IAM 464 li hija Ford Transit u DAI 661 li hija Mazda 323 li l-lincenzji taghhom kollha jew ghalqu jew m'humiex imhallsa u hemm xi multi fuq dawn il-vetturi li ma giex specifikat l-ammont taghhom[24].

---

13 Ara fol 61 u 62 tal-process
14 Ara fol 63 tal-process
15 Ara fol 70 sa fol 96 tal-process
16 Ara fol 97 sa fol 108 tal-process
17 Ara fol 109 sa fol 118 tal-process
18 Ara fol 117 sa fol 118 tal-process
19 Ara fol 119 sa fol 126 tal-process
20 Ara fol 126 sa fol 194 tal-process
21 Ara fol 195 sa fol 201 tal-process
22 Ara fol 202 sa fol 211 tal-process
23 Ara fol 65 tal-process
24 Ara fol 212 sa fol 226 tal-process

Jixhed ukoll Robert Vassallo mit-Transport Authority[25] li jghid li l-konvenut m'ghandu l-ebda opra tal-bahar registrata fuq ismu.

Jixhed ukoll Joseph Caruana mill-Bank of Valletta[26] li jixhed li il-konvenut kellu kont wiehed biss[27] fis-sena 2003 u kien hemm xi *consumer loan* li gie maghluq fis-sena 2001 u li m'ghad baqa' l-ebda ammont dovut lill-Bank of Valletta.

Permezz t'affidavit xehdu wkoll omm u missier l-attrici, Alfred Demicoli u Mary Demicoli.

Alfred Demicoli[28], jghid li bintu bdiet tohrog mal-konvenut meta kellha tmintax-il sena u marru jghixu f'appartament li kellu hu f'Marsaskala. Jghid li darba l-konvenut raqad ghandhom peress li ma kienx jiflah isuq lura lejn id-dar minhabba l-problema tax-xorb. Jghid li kien sellef lill-konvenut garaxx biex imur jahdem go fih bhala mastrudaxxa u kien imur jghinu ghaliex ried jibni relazzjoni tajba mal-konvenut. Fil-hin li kien ikun mal-konvenut, il-konvenut ma kienx jieqaf jixrob u l-kugin tal-konvenut darba qal lil Alfred Demicoli li spiss kien iwissi lill-konvenut biex jieqaf jixrob minhabba li jista' jwegga' fuq ix-xoghol. Hu jzid jghid li l-appartament tal-Fgura hu tah lill-attrici b'donazzjoni. Jiftakar ukoll li fis-sena 2004 l-konvenut kien garrab xi hsarat fil-makkinarju tieghu ghaliex kien waqa' s-saqaf tal-garaxx fejn kien jahdem, u biex jaghmel tajjeb ghal dawn l-ispejjez, Alfred Demicoli ta Lm5000 lil bintu biex jixtru l-makkinarju l-gdid li bih il-konvenut kien se jkun jista' jkompli jahdem. Hu jiftakar ukoll li bintu mhux l-ewwel darba marret id-dar tal-genituri taghha imbikkma dwar is-sitwazzjoni matrimonjali taghha. Hu jiftakar li l-konvenut kien telaq mid-dar matrimonjali sakemm il-konvenut gie mistieden tieg ma' bintu, u wara li marru t-tieg, huwa jirrakkonta kif mar biex jiehu lit-tfal lura d-dar tal-partijiet u ra lill-konvenut rega' hiereg bil-hwejjeg tieghu ghall-ahhar darba u ma regax irritorna.

25 Ara fol 67 tal-process

26 Ara fol 68 tal-process

27 Ara fol 227 sa fol 238 tal-process

28 Ara fol 242 tal-process

Omm l-attrici Mary Demicoli tikkonferma dak kollu li qal missier l-attrici Alfred Demicoli, izda zzid li ma tistax tinsa' okkazjoni meta l-attrici cemplitilha u talbitha biex tmur l-Ghadira ghaliha ghax kienet waqfet il-karozza u kif waslet fuq il-post, sabet lill-konvenut b'rabja jaghti d-daqqiet ta' sieq mal-karozza tieghu stess u ghalhekk ikkonkludiet li kien taht l-effett tax-xorb. Hi zzid tghid li l-partijiet kellhom ukoll problema ta' flus, tant li fis-sena 2006 il-konvenut iddecieda li jieqaf mix-xoghol ta' mastrudaxxa u jixtri *crane*.

## Dwar it-Talba ghas-Separazzjoni Personali

Dwar l-ewwel talba, u cioe' dik relatata mat-talba ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Scicluna Maria Dolores Sive Doris Vs Scicluna Anthony**[29] fejn gie ritenut li "***Sabiex tintalab is-separazzjoni personali mhux mehtieg li jikkonkorru l-eccessi, is-sevizzji, it-theddid u l-ingurji gravi, izda kull wahda minn dawn ir-ragunijiet wahedha hija sufficjenti***" u zzid tghid li "***Il-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri…..Ghal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certa mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima***".

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[30] u **Greengrass Hugh vs. Greengrass Lucia**[31] fejn gie ritenut li "***Ghal dak li jirrigwarda theddid u vjolenza l-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certa mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima***" u zzid tghid ukoll li "***Sabiex tigi promossa t-talba ghas-separazzjoni mhux mehtieg kumulu ta` kawzali, kull wahda mill-kawzali ta' sevizji, it-theddid u l-ingurji gravi hija sufficjenti sabiex jigu vjolati r-rigwardi tal-konvivenza konjugali***".

Dwar l-ewwel talba, l-Qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghall-Artikolu 40 li jghid hekk,

[29] Deciza nhar is-27 ta' Novembru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Cit Nru 1715/2001)
[30] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)
[31] Deciza nhar it- 2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 98/2002)

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment:*

*Iżda ma tistax tintalab firda minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment qabel ma jgħaddu erba' snin mid-data taż-żwieġ, u iżda wkoll, il-qorti tista' tiddikjara l-firda għal dik ir-raġuni minkejja li, sew qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu ebda waħda mill-persuni miżżewġin flimkien ma tkun għamlet it-talba għal dik ir-raġuni."*

Il-Qorti, wara li rat il-provi kollha esebiti, hija konvinta sal-grad rikjest mill-Ligi li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u konsegwentment hemm lok ghall-pronunzja ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet.

Madanakollu, rigward ir-responsabbilita' ghat-tifrik taz-zwieg, jirrizulta fin-nuqqas ta' prova kontrarja li l-komportament tal-konvenut matul is-snin fil-konfront ta' l-attrici kien wiehed mhux accettabbli u certament wiehed li ma jaghmel l-ebda gid ghal hajja konjugali serena. Il-verzjoni ta' l-attrici giet ikkorroborata minn ommha u missierha li xehdu li kien hemm episodji meta raw huma stess li l-konvenut kien ikun xurban. Apparti minn hekk, l-attrici ipprezentat zewg rapporti li intavolat hi stess ma' l-awtoritajiet ta' tnejn mill-incidenti li graw fis-sena 2012 u fis-sena 2013, ghalkemm dawn sehhew meta l-konvenut kien diga' telaq mid-dar matrimonjali. Dawn l-incidenti juru t-tip ta' karattru li ghandu l-konvenut, u dan gie ikkorroborat mill-konvenut stess, ghalkemm forsi inkonsapevolment, waqt ix-xiehda tieghu quddiem il-Qorti fejn huwa qal li l-attrici kienet tghinu u riditlu l-gid. Apparti dan, meta l-konvenut xehed quddiem il-Qorti, kien evaziv ghall-ahhar meta mistoqsi dwar il-problema tax-xorb b'risposti bhal *"ifhimni issa inutili qed nitkellmu fuq dawn l-affarijiet".*

Inoltre l-Qorti wkoll temmen lill-attrici meta hija tghid li l-konvenut kien ihalliha fi bzonn finanzjarju u dan tenut kont tal-fatt li l-konvenut kien jahdem u ikkonvinca lill-attrici biex tieqaf tahdem, bil-konsegwenza li kellha tirritorna ix-xoghol  biex tghajjex lil uliedha wara t-twelid tat-tifel K u allura l-flus li kien jaqla mix-xoghol tieghu il-konvenut kien iktar jonfoqhom fuqu nnifsu milli ghall-gid tal-familja tieghu.

Il-Qorti hija moralment konvinta sal-grad rikjest mill-Ligi, u in vista tax-xhieda kollha prodotti, li l-konvenut irrenda ruhhu hati tas-separazzjoni bejn il-partijiet minhabba ingurji, sevizzi, theddid, eccessi u vjolenzja fil-konfront ta' martu.

Ghalhekk, il-Qorti tara illi t-talba ghas-separazzjoni personali bi htija fil-konfront tal-konvenut timmerita li tigi milqugha u l-Qorti qeghda tikkunsidra Mejju 2011 bhala d-data minn meta l-konvenut irrenda ruhhu hati tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet.

**<u>Dwar it-talba tal-kura u kustodja tal-minuri</u>**

Il-Qorti tirrileva li l-partijiet kellhom zewgt itfal li jisimhom S u K li llum ghandhom ghaxra u seba' snin rispettivament. Ghalhekk din it-talba fir-rigward it-tfal minuri ghandha tigi determinata u deciza skond il-principju ta' l-ahjar interessi tal-minuri. Wara li semghet il-provi kollha migbura fil-mori tal-kawza, il-Qorti hija moralment konvinta li huwa fl-ahjar interess tal-minuri li l-attrici tkun fdata bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri S u K, anke in vista' tal-fatt li l-minuri ilhom jghixu ma' ommhom ghal zmien twil u ghalhekk irid ikun hemm raguni valida ghaliex ir-rutina tal-minuri ghandha tigi mibdula. Fuq kollox m'hemm ebda prova li turi li r-rikorrenti m'hijiex omm idoneja ghall-istess minuri. Il-Qorti m'ghandhiex l-icken dubju li l-attrici ghamlet u ghadha qed taghmel tentattivi biex tressaq lil uliedha vicin missierhom il-konvenut, izda dawn it-tentattivi qeghdin ikunu ta' dannu, specjalment ghat-tifla S li skont l-attrici qed ikollha appuntamenti ma' specjalisti appoziti biex jghinuha waqt l-access mal-konvenut. Il-Qorti certament ma tistax tinjora l-incident li sehh fl-4 ta' Settembru 2013[32], meta l-attrici marret biex tigbor lil bintha

[32] Ara fol 59 tal-process et seq

minghand missierha l-konvenut, u ghalhekk huwa fl-ahjar interess tal-minuri S u K li l-kura u kustodja ta' l-istess tigi fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti.

Illi l-attrici iddikjarat li l-minuri S qeghda thossha skomda tiltaqa' ma' missierha u minhabba f'hekk qeghda taht il-kura ta' psikologa u psikoterapista. Fin-nuqqas ta' prova kontrarja, il-Qorti hija marbuta bil-ligi li taghmel dak kollu possibbli ghall-protezzjoni u fl-interess suprem tal-minuri, ghalhekk xorta se takkorda access lill-konvenut ghaz-zewgt ulied u dan peress li wkoll huwa fl-interess tal-minuri li jkollhom relazzjoni ma' missierhom. Izda fuq l-istess binarji tal-Qorti ta' l-Appell, meta giet ipprezentata bi problema simili fil-kawza *Catherine Bezzina vs George Bezzina (373/2005)*[33], se tordna s-segwenti: li, l-minuri S u K jittiehdu mill-attrici ghand psikologa u eventwalment ghand psikoterapista sabiex jghinu lill-minuri b'din il-problema, u dan a spejjez tal-konvenut, tenut kont ta' dak li qed issofri l-minuri S li x'aktarx huwa htija ta' l-agir tal-konvenut.

**<u>Dwar it-talba ghall-manteniment ghall-attrici</u>**

Permezz ta' l-affidavit taghha l-attrici tiddikjara li hija tahdem izda ma tiddikjarax xi dhul ghandu u lanqas ma gabet xi prova ta' x'inhuma l-assi taghha, ghajr id-dar matrimonjali li hija l-propjeta' parafernali taghha. L-attrici ghadha zghira u bla dubju ladarba qeghda tahdem tista' tibqa' tahdem u tmantni lilha nnfisha, ghalhekk il-Qorti mhux sejra tillikwida somma ta' manteniment ghall-attrici.

**<u>Dwar it-talba ghall-manteniment ta' l-ulied</u>**

F'dan il-kuntest il-Qorti qed taghmel referenza ghall-Artikolu 3 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:

"*Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja*"

[33] Deciza fid-29 ta' Novembru 2013

ghal artikolu 3B tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta’ Malta:

"*Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta'l-ulied*."

u ghal artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta:-

"*Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici."*

Ghalhekk il-kontribuzzjoni ghall-manteniment ta’ l-ulied ghandha tkun minn kull wiehed mill-genituri u tvarja minn kaz ghal kaz u jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bzonnijiet ta’ l-istess minuri, pero’ jibqghu veljanti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet tal-genturi versu l-istess ulied, specjalment ghall-manteniment ta’ l-istess fit-termini preskritti fl-artikolu 19(1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk jinkludu kontribuzzjoni ghall-ikel, ilbies, sahha u abitazzjoni u spejjez mehtiega ghall-istess sahha u edukazzjoni taghhom u skond il-bilanc bejn il-bzonn u l-mezzi ikkalkulati ai termini tas-subartikoli ta’ l-istess artikolu 20 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Illi dan apparti l-obbligi tal-kontendenti li jmantnu l-xulxin skont id-dettami tal-ligi u skont il-kalkoli hemm indikati.

Il-Qorti tirrileva wkoll li l-obbligu ghall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-genituri izda huwa obbligu assolut. Fil-kaz odjern, jidher li l-konvenut m’ghandux introjtu tajjeb ghaliex meta xehed quddiem il-Qorti qal illi kien bla xoghol. L-ulied ghandhom ikunu prijorita’ qabel kull haga, u ghalhekk ladarba l-konvenut ghadu zghir u ghandu potenzjal li johrog jahdem u jaqla x’jiekol, l-ulied S u K jimmeritaw li jigu mantenuti.

Tenut kont ta’ dak hawn fuq rilevat, il-konvenut ghandu l-obbligu sagrosant li jmantni lill-minuri, flimkien ma’ l-attrici, irrispettivament mill-introjtu li ghandu. F’dan il-kuntest il-Qorti thoss li jkun ewku u gust li l-konvenut jigi ordnat li ihallas is-somma ta’ mitejn u hamsin

Ewro (€250) kull erba' (4) gimghat bhala manteniment ghal kull wiehed mill-minuri S u K. Jigi rilevat li tali manteniment jinkludi fih spejjez relattivi mas-sahha u edukazzjoni ta' l-istess ulied. Il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi jkun aktar prattiku li l-intimat ihallas somma fissa fix-xahar milli jhallas nofs l-ispejjez ta' sahha u l-edukazzjoni bir-ricevuti, stante li r-relazzjoni bejn il-partijiert m'hix mill-aqwa u tali arrangement mhux wiehed prattiku. Il-Qorti tordna li dan il-manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm il-minuri jaghlqu it-tmintax (18)-il sena. Jekk l-istess minuri sussegwentement jsiru maggorenni u jkunu qeghdin jistudjaw fuq bazi *full-time*, allura tali manteniment ghandu jibqa' jithallas mill-konvenut sakemm l-istess minuri jieqfu jistudjaw fuq bazi full-time jew jilhqu l-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, skond liema eventwalita' ssehh l-ewwel. Ghalhekk, fic-cirkostanzi, il-Qorti qeghda tilqa' din it-talba fil-konfront tat-tfal minuri S u K. Dan l-ammont ghandu joghla kull sentejn skond l-indici ta' l-gholi tal-hajja.

L-attrici qeghda, skont kif indikat fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha[34], tippretendi li tiehu l-arretrati ta' manteniment mid-data t'Ottubru 2011 sad-data tas-7 ta' Marzu 2014 id- data tad-digriet[35] tal-Qorti, izda din il-Qorti ma tistax taghmel dan l-ezercizzju u dan stante li fir-rikors guramentat ta' l-attrici ma hemmx talba f'dan is-sens u ghalhekk jekk il-Qorti jkollha tillikwida dan l-ammont tkun qed tmur *ultra petita.* Inoltre, fis-sottomissjonijiet taghha l-attrici qeghda titlob l-ammont ta' €4800 rapprezentanti bilanc ta' manteniment dovut mis-7 ta' Marzu 2014 sa Settembru 2015 u dan l-ezercizzju l-Qorti wkoll ma tistax taghmlu u dan peress li ma hemm l-ebda talba specifika ghalih u fit-tieni lok peress illi l-Qorti m'ghandhiex prova cara quddiemha ta' x'inhuma l-ammonti ezatti mhallsa sa issa, ghaliex meta l-attrici xehdet quddiemha, tat xiehda pjuttost sporadika u ma jirrizultax xi ammont preciz u ghalhekk il-Qorti ma tistax toqghod fuq is-sottomissjoni ta' l-attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha dwar l-ammont minnha pretiz bhala arretrati tal-manteniment.

## Dwar id-dekadenza ta' l-intimat

34 Ara fol 267 tal-process

35 Ara fol 255 tal-process

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -
(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;
(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;

(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;
(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

L-Artikolu 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-Qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu".

L-Artikolu 52 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"Hu mħolli wkoll f'idejn il-qorti li tiddeċidi, skont iċ- ċirkostanzi, jekk id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 għandhomx igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għall-oħra biss, inkella, m'għandhomx igħoddu għal ħadd minnhom, jekk il-wieħed u l-oħra jkunu ħtija ta' egħmil li jagħti lok għall-firda. Żamm ta' jeddijiet jew vantaġġi miksuba bil-firda."

L-Artikolu 53 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"Il-parti li tkun qalgħat il-firda, iżżomm kull jedd jew vantaġġ li tkun kisbet mill-parti l-oħra, għad illi dak il-jedd jew vantaġġ ikun ġie mogħti lilha taħt il-patt ta' għoti ta' jedd jew ta' vantaġġ ieħor lill-parti l-oħra, u dan il-patt ma jseħħx."

Il-Qorti tirrileva li jirrizulta car li l-konvenut huwa hati ghas-separazzjoni bejn il-partijiet minhabba dak hawn fuq spjegat fil-kap intitolat "Dwar it-Talba ghas-Separazzjoni Personali" u ghalhekk, tara li hemm ir-rekwiziti necessarji sabiex jigu applikati kontra l-istess intimat l-Artikoli 48 *et seq* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Dwar it-talba tal-beni parafernali u dotali li ghandhom jigu assejati lill-attrici</u>**

Il-Qorti tirrileva li l-attrici fl-affidavit taghha xehdet li hija nghatat bhala donazzjoni s-somma ta' hamest elef Ewro (Lm5,000) li llum jammontaw ghal hdax-il elf sitt mija u hamsin Ewro (€11,650) minghand ommha u missierha wara li kien inqala incident fil-garaxx fejn kien jahdem il-konvenut, biex jinxtara makkinarju gdid. Huwa fatt ben risaput li donazzjoni ta' din ix-xorta tikkwalifika bhala beni parafarnali. Madanakollu din is-somma l-attrici ma nefqithiex ghaliha izda pprezentat kopja ta' ricevuta li ghaliha diga' saret referenza, meta jidher car li b'dawn il-flus intuzaw biex jinxtara dan il-makkinarju li eventwament il-konvenut irnexxielu jibqa' jahdem bih ghal snin twal, tant li wara z-zmien biegh dan il-makkinarju fil-mori ta' din il-kawza ghall-prezz ta' sitt elef Ewro (€6000), li minn dawn il-flus l-attrici ma hadet xejn. Ghalhekk tenut kont tal-fatt li l-ammont inghata b'donazzjoni minghand il-genituri taghha, liema prova giet korroborata mill-istess genituri tal-attrici, huwa ammont parafernali dovut lill-attrici u tenut kont ukoll li l-Qorti hija konvinta moralment li dawn il-flus intuzaw biex jinxtara makkinarju li kien formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti u li hadem bih il-konvenut, qeghda tilqa' din it-talba ta' l-attrici u **tordna li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta' hdax-il elf sitt mija u hamsin Ewro (€11,650) bhala kreditu parafernali dovut lilha.**

Illi dwar id-dar matrimonjali tal-partijiet Fredmar Court, Flat 2, Triq il-Velleran, Fgura, ma hemm l-ebda dubju mix-xhieda prodotti u mill-kuntratt ta' donazzjoni pprezentant li din hija propjeta' parafernali ta' l-attrici u l-attrici diga' hija fil-pussess taghha.

**Dwar it-talba tax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti**

Illi l-assi formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti huma s-segwenti:

1. Vettura DAV 562 li hija Ford Fiesta;
2. Vettura CAE 038 li hija Ford Transit;
3. Vettura IAM 464 li hija Ford Transit;
4. Vettura DAI 661 li hija Mazda 323;
5. Kont joint bejn il-partijiet HSBC 012054946001

Illi d-djun formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti huma s-segwenti:

1. Self bankarju HSBC 18038971 li huwa joint u li qieghed jigi mhallas mill-kont joint tal-partijiet;
2. Dejn mal-bank HSBC fl-ammont ta' €403.75[36];
3. Dejn ma' M. Demajo (Timbers) Ltd fl-ammont ta' €9073.70;

Il-Qorti, wara li laqghet il-hames talba talba ta' l-attrici ghall-applikazzjoni
tal-Artikolu 48 et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li sabet lill-intimat bhala l-konjugi responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg, qieghda tiddisponi mit-tmien talba billi xxolji l-komunjoni tal-akkwisti bil-mod segwenti:

1. Il-vetturi tat-tip DAV 562 li hija Ford Fiesta, CAE 038 li hija Ford Transit, IAM 464 li hija Ford Transit u DAI 661 li hija Mazda 323 **ghandhom jigu assenjati lill-konvenut b'dan illi r-rikorrenti tinghata nofs il-valur ta' l-istess vetturi hekk kif valutati fil-mument ta' l-akkwist.** L-intimat huwa ordnat li jhallas nofs sehem ir-rikorrenti hekk kif stipulat fi zmien sitt xhur mid-data ta' din is-

[36] Ara fol 108 tal-process

sentenza. Kwalunkwe dejn li jista' jkun hemm fuq tali vetturi ghandu jithallas b'mod esklussiv mill-konvenut;

2. Id-dejn hekk ikkontrattat mill-konvenut senjatament ma' M. Demajo (Timbers) Ltd ghandu jithallas b'mod esklussiv mill-konvenut u fi kwalunkwe kaz kull dejn iehor li gie ikkuntrattat mill-konvenut ghandu jithallas esklussivament mill-konvenut;

3. Dwar il-loan HSBC 18038971, jirrizulta b'mod car li ghalkemm id-dejn mal-bank HSBC sar bejn il-partijiet, dan kien dejn li ttiehed primarjament biex jinxtara *crane*. Dan il-*crane ex admissis* inbiegh mill-konvenut ghall-prezz ta' €16,000 u l-makkinarju li kellu nbiegh ghall-prezz ta' €6000. Izda l-konvenut jghid li kien ta parti mill-flus li dahhal tal-*crane* lill-attrici u l-attrici tghid li dan kien fl-ammont ta' €4658.74 (Lm2000), ir-rimanenti tal-flus il-konvenut ma spejgax bl-ezatt x'ghamel bihom, qal biss li kellu hafna dejn izda jekk rieda jaqta' d-dejn, l-ewwel ma kellu jaghmel kien li jaqta' l-loan li kellu mal-bank. Dan m'ghamlux u llum ghad baqa' bilanc tas-self (HSBC 18038971) x'jithallas fl-ammont ta' €13,166.23. Ghalhekk il-konvenut dahhal is-somma ta' €16,000 tal-*crane* li minnha l-attrici nghatat biss is-somma ta' €4658.74. **Ghaldaqstant u ghal din ir-raguni l-Qorti tordna li l-loan HSBC 18038971 ghandu jithallas b'mod esklussiv mill-konvenut u dan minhabba r-ragunijiet hawn fuq spjegati u f'kaz li l-bank jitlob dan il-hlas minghand l-attrici, l-attrici jkollha l-jedd ta' rivalsa kontra l-konvenut u titlob li tigi indennizata l-ammont li tkun hallset lill-bank, minghandu**;

4. Illi stante li l-Qorti qeghda tikkunsidra lill-konvenut hati tal-firda bejn il-partijiet sa minn Mejju 2011, **tordna li l-konvenut jirrifondi lill-attrici nofs l-ammont tar-ripagamenti tal-*loan* imsemmija HSBC 18038971 mid-data ta' Mejju 2011[37] sal-gurnata tal-lum**;

5. Il-konvenut qieghed jigi **ordnat ukoll ihallas lill-attrici is-somma ta' €3000 rapprezentanti is-sehem ta' l-attrici mill-bejgh tal-makkinarju** li l-konvenut stess iddikjara li biegh fix-xiehda li ta quddiem il-Qorti;

[37] Ara fol 205 tal-process, data meta l-bilanc dovut dak iz-zmien kien ta' €17529.48

6. Dwar il-kont bankarju *joint* HSBC 012054946001 bejn il-partijiet dan ghandu jigi maqsum b'mod ugwali bejn il-partijiet;

7. Il-partijiet jzommu kull kontijiet li ghandhom f' ishimhom personali;

**Decide**

Ghalhekk ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija unika tal-konvenut, b'dan li qieghed jigi stabbilit li l-konvenut irrenda ruhhu hati tal-firda bejn il-partijiet minn Mejju 2011;
2. Tilqa' t-tieni talba u tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut zewgha;
3. Tilqa' t-tielet talba u tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri S u K ahwa B f'idejn l-attrici u ghar-rigward l-access tat-tfal minuri S u K ghall-konvenut, qieghed jigi ordnat li l-minuri jittiehdu mill-attrici ghand psikologa u evenwalment ghand psikoterapista, sabiex jghinu lill-minuri f'din il-problema, u dan a spejjez tal-konvenut, tenut kont li dak li qed isofru l-minuri minnu llum huwa htija ta' l-agir tal-konvenut. F'dan l-istadju, l-access ikun darba fil-gimgha, siegha kull darba fl-ewwel sitt xhur, u saghtejn kull darba fl-gheluq ta' dawn is-sitt xhur u l-Qorti tordna li ghall-access ikun hemm prezenti l-psikologa jew il-psikoterapista maghzula miz-zewg partijiet li jkunu qed jaraw lill-minuri;

4. Tilqa' limitatament ir-raba talba in kwantu tichadha fejn l-attrici talbet manteniment ghaliha nfisha, izda tilqaghha ghal dak li jirrigwarda l-manteniment tal-minuri S u K u tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici manteniment ghat-tfal minuri S u K fis-somma ta' mitejn u hamsin Ewro (€250) kull erba' gimghat <u>ghal kull minuri,</u> liema manteniment ghandu jizdied kull sentejn skond l-indici ta' l-gholi tal-hajja u jinkludi fih l-ispejjez relattivi mas-sahha u l-edukazzjoni ta' l-istess ulied. Il-Qorti tordna wkoll li tali manteniment ghandu jibqa' jithallas *di fermo*

sakemm l-istess ulied jilhqu l-eta maggorenni. Jekk l-istess ulied sussegwentmenet jsiru maggorenni jkunu qed jistudjaw fuq bazi full-time, allura tali manteniment ghandu jibqa' jithallas mill-konvenut sakemm l-istess ulied jilhqu l-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, skond liema eventwalita' sehh l-ewwel u f'kaz li l-ulied jkunu ghalqu l-eta maggorenni u ma jibqghux jghixu ma' l-attrici ommhom, allura il-manteniment dovut ghandu jibda jithallas direttament lilhom;

5. Tilqa' l-hames talba u tordna d-dekandenza ta' l-intimat mill-jeddijiet konjugali kif stabbiliti fl-artikoli 48 *et seq* tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Tilqa' s-sitt talba u seba' talba billi tiddeciedi fis-sens kif stabbilit u ordnat f'dan il-gudikat fis-sezzjoni ntestata "Dwar it-talba tal-beni parafernali u dotali li ghandhom jigu assenjati lill-attrici" u konformament tiddikjara li l-konvneut ghandu jaghti lill-attrici s-somma ta' hdax-il elf sitt mija u hamsin Ewro (€11,650) u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici dan l-ammont;

7. Tilqa' t-tmien talba u b'hekk ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet bil-mod kif spjegat fil-paragrafu msemmi "Dwar it-Talba tax-Xoljiment tal-Komunjoni ta' l-Akkwisti";

8. Tilqa' d-disa' talba u tordna li d-dar taz-zwieg tigi okkupata mill-attrici flimkien mal-minuri S u K ahwa B;

9. Tichad l-ghaxar talba kwantu ma jirrizultax li kien hemm xi gid iehor mhux formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti;

10. Tilqa' l-hdax-il talba.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Ft. Dr. Abigail Lofaro
Imhallef

Ft. Rita Vella-Baldacchino
Deputat Registratur